MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Numru 541/2005

**Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)**

**Versus**

**Francis Caruana**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Francis Caruana ta' 54 sena mwieled ġewwa tas-Sliema nhar l-20 t'Ottubru 1950 bin Carfmelo u Annetta nee Cachia residenti ġewwa Blokk 17 Bieb B Apt Numru 7 Triq l-Ispika San Ġwann u detentur tal-karta tal-identita' numru 816550(M)

Akkużat talli

1.Ġewwa San Ġwann fil-21 ta' Novembru 2002 u fid-diversi xhur qabel din id-data bħal propjetarju jew

amministratur responsabbli jew konsumatur tal-fond u cioe' Blokk 17 Bieb B Apt 7 Triq l-Ispika San Ġwann, b'mezzi qarrieqa li bihom jistgħu jwaqqaf jew ibiddel il-kejl tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemi u b'hekk kkommetta serq ta' dawl elettriku ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalilfikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur u dan ai terminu tal-Artikoli 261, 263, 264 (2), 267, 270 u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U iktar talli fl-istess dati, lok u that l-istess cirkostanzi volontarjament kkommetta hsara fuq meter tad-dawl tal-marka Micoindo ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema hsara giet ivvalutata li tammonta ghal LM22 u dan ai termini ta' l-Artikoli 325 (c) u 326 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid 8165 tal-1950, il-fedina penali tal-imputat, il-kunsens tal-imputat u tal-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, il-proces verbal a fol 16, il-konferma tal-ħatra tal-espert matul l-inkjesta u r-rapport a fol 31 et.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

Skond ir-rappreżentant tal-Enemalta Joseph Zammit, il-korporazzjoni marru jiċċekkjaw l-arloġġ fi Flat 7 Block 17 Door B Triq l-Isika San Ġwann u sabu li kien hemm toqba fuq in-naħa tal-lemin meta tħares fil-faċċata tal-meter livell mad-diska u kien hemm xi grif mad-diska. Wara nbidel l-arloġġ.

Xehed ukoll Alan Chetcuti, rappreżentant tal-Enemalta Corporation. Huwa xehed li kien sar eżerċizzju fejn sar comparison tal-konsum fuq il-meter l-antik u dak reġistrat mill-ġdid. Fil-meter ta' qabel il-konsum kien ta' 1.1. units

kull jum waqt malli kien stallat it-tieni arloġġ il-konsum tela’ 4.5 units per day jew erba’ darbiet aktar.

Għad-difiża semgħet lill-imputat jinnega li hu qatt bagħbas fl-arloġġ (kif kien għamel matul l-inkjesta). Huwa ilu joqgħod fil-post għal madwar tletin sena, l-arloġġ qiegħed fuq in-naħa ta’ ġewwa, jiġifieri mhux f’xi parti komuni, u li jgħix hu u tifel. Huwa qal li biex issir toqba bħal dik bilfors trid tħalli xi farka warajk. Qabel ma daħal fil-post kien joqgħod il-watchman.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.

Mill-provi jirriżulta li l-imputat huwa r-registered owner. Skont il-Liġi tagħna, l-artikolu 264 (2) tal-Kap 9, :

‘jitqies, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, bħala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f’idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-ksur jew il-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b’dan l-użu jew konsum ta’ ilma, gass jew kurrenti elettirku, skond ma jkun il-każ.’

Jirriżulta kemm mill-proċess verbal kif ukoll mix-xhieda li ngħatat mir-rappreżentant tal-Enemalta li nstabet toqba fqu in-naħa tal-lemin tal-arloġġ kfi ukoll brix fid-diska. Il-Qorti qieset ukoll il-qabża fil-konsum wara li tbiddel l-arloġġ.

L-imputat ċaħad li huwa għamel xi toqba fl-arloġġ. Bir-rispett kollu, il-Qorti kienet inqas konvinta minn kif xehed l-imputat li mhux biss donnu ried iwaħħal f’peruna li kienet biss watchman u għalhekk din ma kellha ebda interess li tnaqqas il-konsum iżda wkoll li din kienet tgħid hemm qabel l-1980 waqt li  l-ispezzjoni saret fil-21 ta’ Novembru 2002, jiġifieri madwar 22 sena wara.

Barra dan il-mod kif tkellem l-imputat dwar l-expertise kif saret it-toqba, aktar kompla kkonferma li kien hu li għamel it-tali ħsara u t-tali toqba fl-arloġġ u wera kif setgħet issir ‘clean’.

Il-Qorti hija moralment konvinta li kien l-imputat li wettaq il-ħsara u għamel it-tbagħbis fl-arloġġ.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 261, 263, 264(2), 267, 270, 18, 325(1)(ċ) tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu b'dan pero' li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel waħda ai termini tal-artikolu 17(h) tla-Kap 9. Flok tikkundnanna lill-imputat, il-Qorti qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat fi żmien tliet snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------